MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 648/2003

**Valhmour Borg Import Export Limited**
**vs**

**Paul Sammut**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm362.87), rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ta' l-ikel ghall-konsum;**
**Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' April, 2001 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Victor Bugeja ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lilll-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm362.87).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' April, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------